# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Pierre Darmanin**

**Appell Nru: 389/2017**

Illum 3 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Pierre Darmanin prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 t'Ottubru, 2017 li permezz tieghu, wara li ghamel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru, 2017, talab lil din il-Qorti **tirriforma** din is-sentenza billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn iddikjarat kolpiti bil-preskrizzjoni u konsegwentement estinti l-hames u s-sitt imputazzjoni, f'dik il-parti fejn ordnat it-twaqqif tal-proceduri kwantu jirrigwarda lil Rachael Tua personalment dwar l-ewwel imputazzjoni, f'dik il-parti li biha ddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, filwaqt li **thassarha** kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar ir-raba' imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €500 u qeghditu taht

ordni ta' protezzjoni u **minflok** tiddikjarah mhux hati tal-istess u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat ghalhekk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatur Kriminali Fil-25 ta' Ottubru, 2014 ghall-habta ta' 15:30 u fil-hinijiet ta' wara, fis-Siggiewi kif ukoll fi granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer;

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Rachel Tua biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha;
2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Richard Tua u Maria Victoria Tua biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom;
3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Rachel Tua, Richard Tua u lil Maria Victoria Tua;
4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss, u dan meta hedded li jaghmel reat u/jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;
5. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja jew hedded lil Rachel Tua, Richard Tua u lil Maria Victoria Tua;
6. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali favur ta' Rachel

Tua, Richard Tua u Maria Victoria Tua kif ukoll ordni ta' trazzin a favur tal-istess persuni.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru, 2017, li biha lliberat lill-imputat mit-**tieni**, t-**tielet**, l-**hames** u s-**sitt** imputazzjoni; astjenijet milli tiehu konjizzjoni tal-**ewwel** imputazzjoni kwantu tolqot lill-kwerelanta Rachael Tua; sabitu hati tar-**raba'** imputazzjoni u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €500 u applikat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ghal-perjodu ta' tlett snin kontra l-imputat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Richard Tua, Maria Victoria Tua u l-familjari kollha taghhom;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li l-prosekuzzjoni ma resqitx dawk il-provi sufficjenti sabiex tinsab htija u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma mnissla minn relazzjoni intima bejn l-appellant u s-siehba tieghu li wara li ntemmet nibtet certu animozita' li jidher li kienet ukoll diretta lejn il-genituri tas-siehba, Dr. Rachael Tua. F'okkazzjoni partikolari kienet inqalet kwistjoni gewwa bar fis-Siggiewi u din tal-ahhar ddecidiet li tirrikorri ghall-proceduri kriminali kontra l-imputat. Kif inghad fir-rikors promutur u s-sentenza riportata *supra*, l-

imputat kien liberat mill-maggoranza tal-imputazzjonijiet izda instab hati ta' theddid ta' eghmil ta' reat u dan permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika.  Dan jirreferi ghat-theddid li rcevew missier u omm Dr. Rachael Tua;

3. Richard Tua wera t-telefon tieghu lill-Magistrat li kien qed jippresjedi fil-kawza quddiem l-ewwel Qorti minn fejn irrizulta messagg (sms) provenjenti minn numru tat-telefon li hu mnizzel fid-direttorju tieghu bhala Pierre Darmanin.  Fl-istess direttorju hemm numru iehor mnizzel taht l-istess isem u l-imputat jghid li l-ewwel numru ma kienx jappartjeni lilu ghaliex huwa ghandu numru tat-telefon wiehed biss.  Madankollu, Richard Tua jghid illi kien gharaf lehen l-imputat kulldarba li cempillu.  L-imputat isostni li huwa ma ghandux kontroll fuq it-telefon ta' haddiehor li jista' jnizzel kwalunkwe isem fid-direttorju u b'daqshekk ma jfissirx li dak in-numru huwa tieghu;

4. Issa, mill-atti processwali jemergi illi s-service providers xehedu illi dak in-numru ma huwiex registrat fuq l-imputat. Gara, izda, illi kkonfermaw li minn fuq dak in-numru saru diversi telefonati diretti lejn in-numru li jappartjeni lill-Richard Tua li kien xehed kif kien ivvessat b'dawn it-telefonati u ghalhekk l-ewwel Qorti rrikonoxxiet dak in-ness bejn dan l-ammont ta' telefonati u l-imputat meta is-Sur Tua ma kellux dubju li dak kien il-lehen tal-istess imputat;

5. L-appellant iressaq is-segwenti argumenti dwar l-operat tal-ewwel Qorti:  "*… l-ewwel Qorti strahet unikament u esklussivament fuq id-dikjarazzjonijiet tal-parte civile Richard Tua meta dan qal li huwa kien gharaf lehen l-esponenti fit-telefonati mertu tal-vertenza.  Minn naha l-ohra din il-verzjoni fl-ewwel lok tinsab kontradetta mid-difiza, u  mill-banda l-ohra din l-istess verzjoni tal-parte civile m'hija sorretta u/jew korroborata b'ebda prova ohra anzi jidher u jirrizulta illi salv id-*

*dikjarazzjonijiet tax-xhud imsemmi ma'hemm xejn rikonducibbli ghall-esponent* [appellant]. *Finalment ma jistax jigi njorat il-fatt illi minkejja li dan ma' jirrendix inammissibbli x-xhida tieghu, Richard Tua ghandu interess qawwi li jiddanneggja lill-esponent u'jew r-reputazzjoni tieghu peress illi bejn l-esponent* [appellant] *u bint Richard Tua u cioe' Rachael Tua hemm atrit sostanzjali fuq livell personalment u hemm addirittura diversi proceduri pendenti bejn it-tnejn li huma. Konsegwentement ghalhekk l-ewwel Qorti messha u kellha tuza cirkospezzjoni kbira qabel ma temmen u tabbraccja l-verzjoni ta' Richard Tua, u li kieku dan verament sar, l-esponent umilment jemmen illi x-xhieda tal-istess Tua ma setghetx isservi bhala bazi tas-sejbien tal-htija tieghu peress illi mhux attendibbli*";

6. Il-Qorti ezaminat l-atti b'mod akkurat u frankament ma tistax taqbel mal-appellant. Richard Tua xehed kif, apparti f'okkazzjonijiet ohra, fil-25 t'Ottubru wara s-sitta ta' filghaxija it-telefon tieghu beda jdoqq kontinwament u meta jirrispondi kien ikellmu l-imputat u jghidlu affarijiet li ddiskriva bhala oxxen u pastaz u theddid inkluz li jhanxru u li jhanxar lit-tifla tieghu. Dawn baqghu ghaddejjin sa xi t-tmienja, kif jaqta' jerga jcempel fuq tal-mara tieghu u dan b'mod kontinwu. L-ewwel Qorti kellha diskrezzjoni temmen dik il-verzjoni li deherilha l-aktar attendibbli. Issa, mix-xhieda tas-service provider u mid-dokumenti esebiti ma hemm ebda dubju li dawn it-telefonati kienu tassew ricevuti minn Richard Tua. Dak li ma rrizultax mis-service providers huwa l-prova li n-numru tat-telefon minn liema saru dawn it-telefonati jappartjeni lill-imputat. Dwar dan l-ewwel Qorti ikkonkludiet hekk: "*Biss din il-Qorti jidrilha li ma ghandhiex raguni ghaliex tiddubita x-xhieda ta' Richard Tua li stqarr bla tlaqliq li dakinhar tal-25 t'Ottubru 2014 filghaxija kien cempillu ripetutament ghal perjodu ta' madwar saghtejn*";

7. Din il-Qorti ma rriskontrat ebda okkazzjoni fl-atti processwali li tista' b'xi mod titfa dell fuq dak li xehed Richard

Tua u dan mid-deposizzjoni traskritta minghajr ma kellha l-vantagg li kellha l-ewwel Qorti li tisma b'widnejha u tara b'ghajnejha il-komportament tax-xhieda u l-kumpless ta' cirkostanzi li huma daqstant vitali ghal-ezercizzju tad-diskrezzjoni dwar lil min ser temmen. Frankament ukoll ma kienx mehtieg *sine qua non* li jkun pruvat li l-imputat ghandu ukoll dak in-numru tat-telefon ghaliex ma hemm xejn xi jzomm lil xi hadd milli juza telefon ta' terzi, basta' pero' li ssir il-prova li min ghamel it-telefonata kien il-persuna imputata. Mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel Qorti kienet tal-konvinciment li Richard Tua kien qed jghid il-verita;

8. In konkluzzjoni, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

9. L-appell ghalhekk qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha b'dan illi t-terminu tal-ordni ta' protezzjoni ta' tlett snin jibda jiddekorri mil-lum.